**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Charmaine Galea LL.D.**

**Illum 26 ta' April 2017**

**Rikors Numru: 295/15**

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali (166A) bin-Numru 68/2015**
**Fl-ismijiet:**

**Jacqueline Kind Cini**

**Vs**

**Simon Kind**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn **Simon Kind** (rikorrenti) fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Ottubru 2015 fejn ippremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi din l-ittra ufficjali (166A) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ipprezentata mill-intimata kontra l-esponent giet intavolata u mibghuta fuq l-indirizz: Facilita Korrettiva ta' Kordin, Paola waqt li l-esponent kien qieghed jiskonta sentenza.*

2. *Illi l-esponent ma giex notifikat skond il-Ligi u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

    (a) *Illi preliminarjament it-timbru tan-notifika fuq l-ittra ufficjali jindika (vide kopja hawn annessa) li Simon Kind gie notifikat bl-atti gudizzjarji fl-1 ta' April 2015;*

    (b) *Illi fuq l-envelopes relattivi li jgibu n-numri 636 u 637 rispettivament (vide kopja hawn annessa) it-timbru maghmul mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin huwa datat 2 ta' April 2015;*

*(c) Illi it-timbru ahmar tal-posta fuq l-envelopes huwa datat l-1 ta' April 2015 u allura huwa fizikament impossibli li l-esponent gie notifikat dak in-nhar stess li ntbghatet l-ittra;*

*(d) Illi apparti minn hekk, meta l-esponenti gie notifikat bl-atti, fiz-zewg envelopes kienu impustati* ***biss*** *kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni (immarkat Dok JKC1) u digriet tal-Qorti tal-Familja (immarkat Dok JKC2);*

*(e) Illi fl-envelopes in kwisjtoni ma kien l-ebda ittra ufficjali;*

*(f) Illi l-esponenti sar jaf b'din l-ittra ufficjali tramite l-avukat tieghu;*

*3. Illi ghalhekk l-esponenti ma kienx notifikat skond il-ligi b'din l-ittra ufficjali u a tenur ta' l-artiklu 166A (5)(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta din l-ittra ufficjali tista' tigi attakkata permezz tal-proceduri odjerni billi ma kienetx fil-fatt notifikata lill-esponenti;*

*Ghaldaqstant l-esponent qieghed umilment jitlob li din il-Qorti joghgobha tiddikjara bhala null u bla effett it-titolu esekuttiv ottjenut mill-intimata permezz ta' l-ittra ufficjali numru 68/2015 u dan a tenur ta' l-artiklu 166A (5) (i) u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha tordna."*

Rat ir-risposta ta' **Jacqueline Kind Cini** (intimata) ipprezentata fl-1 ta' Ottubru 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

*1. Illi l-ittra ufficjali (166A) in dezamina tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li kienet intavolata mill-attrici kontra l-intimat, giet reza ezekuttiva skont l-istess artikolu fis-sitta (6) ta' Mejju 2015 (hekk kif jidher mill-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok A);*

*2. Illi jidher car mill-istess ittra ufficjali hawn annessa illi l-intimat gie notifikat fl-ewwel (1) ta' April 2015;*

*3. Illi l-iskuza tar-rikorrenti u cioe` illi huwa ma rceviex l-ittra ufficjali izda rcieva biss il-kuntratt ta' separazzjoni hija attentat qarrieqi da parti tal-intimat biex jipprova jizloq mill-obbligu tieghu;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba da parti tal-intimat sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv a tenur tal-Artikolu 166A (5) (i) hija skorretta; noncioe` li l-istess artikolu jistipola illi d-debitur ghandu zmien ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex jintavola rikors sabiex id-debitur jitlob li l-istess titolu ezekuttiv jigi rexiss u ddikjarat null. Dan ghandu jsehh '<u>mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu</u>' (sottolinear ghall-enfasi);*

*5. Illi dunque ma kien hemm l-ebda notifika ghal mandat ezekuttiv, jew att gudizzjarju li minnu jibdew jghoddu l-ghoxrin gurnata."*

Semghet lir-rikorrent, lil Helenio Galea u lill-Marixxall Joseph P. Bezzina;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent ipproceda b'dawn il-proceduri biex jattakka titolu ezekuttiv li kisbet l-intimata wara li pprezentat ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra ufficjali baqghat mhux imwiegba fit-terminu ta' tletin gurnata min-notifika tal-istess u ghalhekk giet reza ezekuttiva.

Illi l-kontestazzjoni principali hija dwar jekk ir-rikorrent, li fid-data tan-notifika kien detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, irceviex l-inkartament kollu jew le. Ir-rikorrent jikkontendi illi huwa rcieva zewg (2) *envelopes* li fihom kien hemm biss il-kuntratt ta' separazzjoni. Stante li huwa ra dan il-fatt stramb ikkomunika mal-avukat tal-fiducja tieghu li wara tfittxija fir-Registru ta' din il-Qorti skopra li kienet intavolata ittra ufficjali kontra r-rikorrent.

Illi z-zewg *envelopes* u l-kontenut li kien fihom skond dak allegat mir-rikorrent jinsabu esebiti in atti a fol. 39 tal-process Jirrizulta wkoll illi l-ittra ufficjali in kwistjoni giet intavolata fis-26 ta' Marzu 2015 filwaqt li allegatament giet notifikata lir-rikorrent fit-2 ta' April 2015.[1] Jirrizulta wkoll illi fil-21 ta' Mejju 2015 ir-rikorrent intavola Nota fl-atti tal-imsemmija ittra fejn irrileva li hu qatt ma gie notifikat bl-atti kompluti u dan ghaliex kien gie notifikat biss bil-kuntratt ta' separazzjoni u mhux bl-ittra ufficjali *per se*. Irrileva wkoll illi jirrizulta illi l-kopja ta' l-ittra ufficjali qatt ma harget ghan-notifika u ghadha annessa mal-ittra ufficjali originali.

Illi da parti taghha l-intimata qieghdha tikkontesta dan kollu u tirrileva li dan huwa biss tentattiv biex ir-rikorrent jeludi l-obbligi kuntrattwali tieghu rigward bilanc ta' manteniment dovut minnu.

Illi fix-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent jistqarr illi dakinhar li gie mghoddi l-*envelopes* go fihom sab biss kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni. Meta ra hekk huwa talab li jikkomunika mal-avukat tieghu, liema talba giet akkordata mill-amministrazzjoni tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u infurmawh x'kien sab gol-*envelope*.

[1] Ara kopja tal-pink card a fol. 34

Illi qabel ma din il-Qorti tidhol biex tinvesti l-mertu tal-kwistjoni, se taghmel referenza ghar-raba' eccezzjoni tal-intimata fejn sostniet illi t-talba rikorrenti hija skorretta stante li meta giet intavolata ma kinux lahqu ghaddew ghoxrin (20) gurnata mill-ewwel notifika ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq it-titolu ezekuttiv. Illi l-Qorti tirrileva illi filwaqt li huwa minnu li artikolu 166A (5) isemmi li debitur jista' jattakka titolu ezekuttiv fi zmien ghoxrin gurnata min-notifika ta' xi mandat ezekuttiv, dan ma jfissirx illi debitur li jsir jaf li giet intavolata ittra ufficjali kontrih u ghadda t-terminu ghar-risposta ma jistghax jimpunja l-ezekuttivita taghha ai termini tal-artikolu 166A (5). Dan ir-ragunament huwa msahhah mid-dicitura tas-subinciz (6) tal-imsemmi artikolu li jghid: *Ebda oppożizzjoni, ħlief dik li hemm speċifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5), ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv li jinkiseb taħt dak is-subartikolu ....."* Dan ghalhekk ifisser li l-hrug ta' xi att ezekuttiv, bhal nghidu ahna mandat ezekuttiv, wiehed ma jistghax iwaqqfu hlief bil-procedura stabbilita fis-subartikolu (5), li allura jfisser li tali procedura tista' tintuza qabel effettivament ikun hemm il-hrug ta' mandat ezekuttiv.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx ir-rikors odjern bhala wiehed irritwali.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra issa tinvesti l-mertu tar-rikors, liema mertu huwa effettivament wiehed ta' kredibilta *o meno* ta' dak allegat mir-rikorrenti. Illi r-rikorrenti rcieva l-*envelopes* in kwistjoni f'cirkostanzi partikolari, u cioe` meta huwa kien detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. L-istess *envelopes* ma gewx miftuha minnu izda minn gwardjani tal-istess Facilita` li sussegwentement ghaddewhomlu miftuhin. Issa, filwaqt li r-rikorrent qed jishaq li l-kontenut tal-*envelopes* kellhom biss kopja ta' kuntratti il-mod kif zvolgew l-affarijiet ma hu xejn konvincenti ghal din il-Qorti. U dan ghaliex filwaqt li rcieva l-istess *envelopes* fit-2 ta' April 2015, halla sal-21 ta' Mejju biex jaghmel Nota fl-atti tal-ittra ufficjali odjerna fejn irrileva li gie notifikat biss bil-kuntratti ta' separazzjoni biss. Di piu` mill-atti allegati ma jirrizultax, kif dikjarat minnu, illi hemm xi kopja mal-original li qatt ma harget ghan-notifika.

Illi pero`, iktar minn hekk, ir-rikorrent, konsapevoli tal-ittra ufficjali intavolata fil-konfront tieghu ghax hu stess isemmiha fin-Nota intavolata minnu fil-21 ta' Mejju 2015, halla proprju sa Otturbu 2015 biex jintavola dawn il-proceduri biex jimpunja l-ezekuttivita tal-istess ittra ufficjali.

Illi din il-Qorti mhix konvinta li dak allegat mir-rikorrent ghandu mis-sewwa. Persuna li tircievi dokumenti gudizzjarji tfittex l-assistenza ta' avukat, kif ghamel ir-rikorrent, pero` mbaghad meta ssib li tista' tkun pregudikata jekk tibqa' inattiva tara kif taghmel biex tissalvagwardja l-interessi taghha. Illi r-rikorrent xehed illi kien cempel lill-avukat tieghu dakinhar stess li rcieva l-*envelopes* u cioe` fit-2 ta' April 2015 pero` mbaghad jirrizulta li kien hemm

pawza twila sal-21 ta' Mejju 2015 fejn ir-rikorrent iddecieda li jintavola Nota fl-atti tal-ittra ufficjali jiddikjara li hu qatt ma gie notifikat bl-atti kompluti. Ir-rikorrent ma ta l-ebda spjegazzjoni x'zammu milli jintavola tali Nota tempestivament. Ghalkemm kien detenut xorta kellu dritt ta' access ghall-avukat tieghu, kif fil-fatt, jirrizulta, *ex admissis*, li ghamel fit-2 ta' April 2015.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi r-rikorrent ipprova sodisfacentement dak allegat minnu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghdha tichad it-talba tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**